# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta' Diċembru 2009

## li temenda d-Deċiżjoni 2004/407/KE dwar l-awtorizzazzjoni tal-importazzjonijiet tal-ġelatina fotografika fir-Repubblika Ċeka

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9899)*

**(It-testi biċ-Ċek, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss huma awtentiċi)**

(2009/960/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) u Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jipprojbixxi l-importazzjoni u t-tranżitu tal-prodotti sekondarji u pproċessati tal-annimali fl-Unjoni sakemm ma jkunux ġew awtorizzati skont dak ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/407/KE tas-26 ta' April 2004 dwar regoli tranżitorji rigward is-saħħa u ċ-ċertifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l-dwar importazzjoni minn ċerti pajjiżi terzi ta' ġelatina fotografika ([2]) tipprevedi, li l-Belġju, il-Lussemburgu, l-Olanda u r-Renju Unit għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerta ġelatina maħsuba b'mod esklużiv għall-industrija fotografika (ġelatina fotografika), b'konformità ma' dik id-Deċiżjoni.

(3) Id-Deċiżjoni 2004/407/KE tipprevedi li tiġi awtorizzata biss l-importazzjoni tal-ġelatina fotografika mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni, jiġifieri l-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerika. Skont din id-Deċiżjoni, il-kunsinni importati għandhom jiġu trasportati sal-impjant destinatarju f'kundizzjonijiet stretti ta' passaġġ, sabiex jiġu evitati riskji potenzjali għas-saħħla pubblika u dik tal-annimali.

(4) Ir-Repubblika Ċeka ressqet talba għall-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni tal-ġelatina fotografika minn dawk il-pajjiżi terzi lejn stabbiliment fit-territorju tagħha. Ir-Repubblika Ċeka kkonfermat li l-kundizzjonijiet stretti ta' passaġġ skont id-Deċiżjoni 2004/407/KE se jiġi applikati sabiex jiġu evitati r-riskji potenzjali għas-saħħa.

(5) Skont dan, u bi stennija għar-reviżjoni tar-rekwiżiti tekniċi għall-importazzjoni tal-prodotti sekondarji mill-annimali skont ir-Regolament dwar il-prodotti sekondarji mill-Annimali, (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), ir-Repubblika Ċeka tista' titħalla tawtorizza l-importazzjoni tal-ġelatina fotografika suġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2004/407/KE. Madankollu, minħabba raġunijiet ġeografiċi, dawn l-importazzjonijiet jafu jgħaddu mill-Ġermanja.

(6) Id-Deċiżjoni 2004/407/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2004/407/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Deroga li tikkonċerna l-importazzjoni tal-ġelatina fotografika**

B'deroga mill-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Lussemburgu, l-Olanda u r-Renju Unit għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ġelatina prodotta minn materjali li fihom il-kolonna vertebrali bovina kklassifikata bħala materjal tal-Kategorija 1 skont dak ir-Regolament, maħsuba esklużivament għall-industrija fotografika (ġelatina fotografika), b'konformità ma' din id-Deċiżjoni."

2. L-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq."

([1]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 151, 30.4.2004, p. 11.
([3]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

3. L-Annessi I u III huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Annessi I u III qed jiġu emendati kif ġej:

1. L-Anness I jinbidel b’dan li ġej:

*“ANNESS I*

**Il-Pajjiżi terzi u l-impjanti tal-oriġini, l-Istati membri destinatarji, l-istazzjonijiet ta’ spezzjoni fil-fruntiera tal-ewwel dħul fl-unjoni u l-fabbriki fotografiċi approvati**

| Il-Pajjiż terz tal-oriġini | L-impjanti tal-oriġini | Stat Membru destinatarju | Stazzjon ta’ spezzjoni fil-fruntiera tal-ewwel dħul fl-Unjoni | Fabbriki fotografiċi approvati |
|---|---|---|---|---|
| Il-Ġappun | Nitta Gelatin Inc.<br>2-22 Futamata<br>Yao-City, Osaka<br>581 – 0024 Il-Ġappun<br><br>Jellie Co. ltd.<br>7-1, Wakabayashi 2-Chome,<br>Wakabayashi-ku,<br>Sendai-city, Miyagi,<br>982 Il-Ġappun<br><br>NIPPI Inc. Gelatin Division<br>1 Yumizawa-Cho<br>Fujinomiya City Shizuoka<br>418 – 0073 Il-Ġappun | L-Olanda | Rotterdam | FUJIFILM Europe B.V.,<br>Oudenstaart 1<br>5047 TK Tilburg,<br>L-Olanda |
| | Nitta Gelatin Inc.<br>2-22 Futamata<br>Yao-City, Osaka<br>581 – 0024, Il-Ġappun | Ir-Renju Unit | Liverpool<br>Felixstowe | Kodak Ltd Headstone Drive,<br>Harrow, MIDDX<br>HA4 4TY,<br>Ir-Renju Unit |
| | | Ir-Repubblika Ċeka | Hamburg | FOMA BOHEMIA spol. s r.o.<br>Jana Krušinky 1604<br>501 04 Hradec Králove,<br>Ir-Repubblika Ċeka |
| L-Istati Uniti tal-Amerika | Eastman Gelatine Corporation,<br>227 Washington Street,<br>Peabody, MA, 01960 L-Istati Uniti tal-Amerika<br><br>Gelita North America,<br>2445 Port Neal Industrial Road<br>Sergeant Bluff, Iowa, 51054 L-Istati Uniti tal-Amerika | Il-Lussemburgu | Antwerp<br>Zaventem<br>Il-Lussemburgu | DuPont Teijin<br>Luxembourg SA<br>PO Box 1681<br>L-1016<br>Il-Lussemburgu |
| | | Ir-Renju Unit | Liverpool<br>Felixstowe | Kodak Ltd<br>Headstone Drive,<br>Harrow, MIDDX HA4 4TY,<br>Ir-Renju Unit |
| | Eastman Gelatine Corporation,<br>227 Washington Street,<br>Peabody, MA, 01960 L-Istati Uniti tal-Amerika | Ir-Repubblika Ċeka | Hamburg | FOMA BOHEMIA spol. s r.o.<br>Jana Krušinky 1604<br>501 04 Hradec Králove,<br>Ir-Repubblika Ċeka’” |

(2) L-Anness III għandu jinbidel b’dan li ġej:

*“ANNESS III*

**MUDELLI TAĊ-ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA GĦALL-IMPORTAZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI TA’ ĠELATINA TEKNIKA GĦALL-UŻU MILL-INDUSTRIJA FOTOGRAFIKA**

*Noti*

(a) Ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta’ ġelatina teknika għall-użu mill-industrija fotografika għandhom jiġu prodotti mill-pajjiż li jesporta, ibbażati fuq il-mudell li jidher f’dan l-Anness III. Għandu jkun fihom l-attestazzjonijiet li huma meħtieġa għal kull pajjiż terz u, skont il-każ, dawk il-garanziji supplementari li huma meħtieġa għall-pajjiżi terzi li jesportaw jew parti minnhom.

(b) L-oriġinali ta’ kull ċertifikat għandu jikkonsisti minn paġna waħda, iż-żewġ naħat, jew fejn tinħtieġ aktar kitba, għandu jkun f’tali forma li l-paġni kollha li hemm bżonn ikunu parti magħquda b’mod integrat u li ma jistax jinqasam.

(c) Għandu jitfassal f’mill-inqas wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Istat Membru tal-UE li fih għandha titwettaq l-ispezzjoni fl-istazzjon ta’ spezzjoni fuq il-fruntiera tal-UE u tal-Istat Membru tal-UE destinatarju. Madankollu, dawn l-Istati Membri jistgħu jippermettu ilsna oħra, jekk meħtieġ, akkumpanjati minn traduzzjoni uffiċjali.

(d) Jekk għal raġunijiet ta’ identifikazzjoni tal-oġġetti tal-kunsinna, jinhemżu paġni supplimentari maċ-ċertifikat, dawn il-paġni għandhom jitqiesu wkoll parti miċ-ċertifikat oriġinali permezz tal-applikazzjoni tal-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li qed jiċċertifika, fuq kull paġna.

(e) Meta ċ-ċertifikat, inkluzi t-tabelli supplimentari msemmija f’d), jinkludi aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tingħata numru -*(numru tal-paġna)* minn *(numru totali ta’ paġni)*– fil-qiegħ u għandha jkollha n-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat, li jkun ġie magħżul mill-awtorità kompetenti, fil-parti ta’ fuq tagħha.

(f) L-oriġinali taċ-ċertifikat irid jimtela u jiġi ffirmat mill-veterinarju uffiċjali. B’dan il-mod, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jkun qed jesporta għandhom jiżguraw li jiġu segwiti l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE.

(g) Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tat-test stampat. L-istess regola tapplika għal timbri oħra għajr dawk ibbuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.

(h) Iċ-ċertifikat oriġinali għandu jakkumpanja l-kunsinna fl-istazzjon ta’ spezzjoni tal-UE fuq il-fruntiera sakemm tasal sal-fabbrika fotografika destinatarja.

## ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

**għall-ġelatina teknika mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem għall-użu mill-industrija fotografika, maħsuba għad-dispaċċ lejn l-Unjoni**

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.Nru

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.2.a.

I.3. Awtorità Ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.Nru

I.6.

I.7. Pajjiż ta' origini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10. Reġjun ta' destinazzjoni — Kodiċi

I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiz ta' hsad
Isem — Numru approvat
Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija

I.14. Data ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17. Nru.(Nri) tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi CN)
**35.03**

I.20. Numru/Kwantità

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Mkessaħ ☐ Friżat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Uzu tekniku ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti impjant tal-manifattura | Piż nett | Numru tal-baċċ |
|---|---|---|---|

**PAJJIŻ**

**Ġelatina teknika mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem biex tintuża mill-industrija fotografika**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. **TAGĦRIF DWAR IS-SAĦĦA** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa**

Jien, l-uffiċjal li hawn taħt qed niffirma, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]) u niċċertifika li l-ġelatina fotografika deskritta hawn fuq:

II.1.1. tikkonsisti esklużivament minn ġelatina fotografika għall-użi fotografiċi u mhix maħsuba għal xi skop ieħor;

II.1.2. ġiet ippreparata u maħżuna f'impjant approvat, ivvalidat u sorveljat mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, li ma jipproduċix ġelatina għall-ikel, l-għalf jew użi tekniċi oħra maħsuba għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

II.1.3. ġiet ippreparata mill-prodotti sekondarji tal-annimali li jaqgħu taħt il-Kategorija 3 u/jew mill-kolonna vertebrali bovina kklassifikata bħala materjal tal-Kategorija 1;

II.1.4. tgeżwret, ġiet ippakkjata, inħażnet u ġiet trasportata f'kundizzjonijiet iġjeniċi sodisfaċenti;

II.1.5. ġiet prodotta bi proċess li jiżgura li l-materja prima tkun:

(a) ipproċessata bil-Methodu 1 ([2]) tal-Kapitolu III tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew

(b) suġġetta għal:

(i) trattament bl-aċidu għal tal-inqas jumejn, ħasil bl-ilma u trattament b'soluzzjoni alkalina għal tal-inqas 20 jum; il-pH għandu jiġi aġġustat u l-materjal imsaffi permezz ta' filtrazzjoni u sterilizzazzjoni f'temperatura ta' 138-140 °C għal 4 sekondi; jew

(ii) trattament bl-alkali għal tal-anqas jumejn, ħasil bl-ilma u trattament b'soluzzjoni tal-aċidu għal 10-12-il siegħa; il-pH għandu jiġi aġġustat u l-materjal imsaffi permezz ta' filtrazzjoni u sterilizzazzjoni f'temperatura ta' 138-140 °C għal 4 sekondi

II.1.6. tgeżwret u ġiet ippakkjata f'materjal tat-tgeżwir u pakketti li jkollhom il-kliem ĠELATINA FOTOGRAFIKA GĦALL-INDUSTRIJA FOTOGRAFIKA BISS'.

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa ta' referenza I.5: Id-destinazzjoni maħsuba għall-ġelatina fotografika tista' tkun biss ir-Repubblika Ċeka, il-Lussemburgu, l-Olanda jew ir-Renju Unit.

— Kaxxa ta' referenza I.9: Pajjiż destinatarju: applikabbli biss għar-Repubblika Ċeka, il-Lussemburgu, l-Olanda jew ir-Renju Unit.

— Kaxxa ta' referenza I.15: Numru tar-reġistrazzjoni (vagun ferrovjarju jew kontejner u trakkijiet), numru tat-titjira (mezz tal-ajru) jew isem (bastiment); għandu jingħata tagħrif separat fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tal-kontejner/numru tas-siġill: fejn applikabbli biss.

**Parti II:**

([1]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

([2]) Il-Metodu 1 hu kif ġej:

'Riduzzjoni

1. Jekk id-daqs tal-partikola tal-prodotti sekondarji tal-annimali li jkunu se jiġu pproċessati jkun ta' iktar minn 50 millimetru, id-daqs tal-prodotti sekondarji tal-annimali għandu jitnaqqas bl-użu tat-tagħmir adattat, b'tali mod li d-daqs tal-partikola wara r-riduzzjoni ma jkunx ta' iktar minn 50 millimetru. L-effettività tat-tagħmir trid tiġi spezzjonata kuljum u l-kundizzjoni tagħha dokumentata. Jekk spezzjonijiet jiżvelaw l-eżistenza ta' partikoli li huma akbar minn 50 millimetru, il-proċess irid jitwaqqaf u jridu jsiru tiswijiet qabel ma jerġa' jinbeda l-proċess.

Ħin, temperatura u pressjoni

2. Wara r-riduzzjoni, il-prodotti sekondarji tal-annimali għandhom jissaħħnu sa temperatura fil-qalba ta' iktar minn 133 °C għal tal-anqas 20 minuta mingħajr waqfien bi pressjoni (assoluta) ta' tal-anqas 3 bar prodotta minn fwar issaturat; it-trattament tat-tisħin jista' jiġi applikat bħala l-uniku proċess jew bħala proċess ta' qabel jew ta' wara l-fażi ta' sterilizzazzjoni.

3. L-ipproċessar jista' jsir jew b'sistemi ta' gruppi jew b'sistemi kontinwi.'

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu b'kulur differenti minn dak tal-kliem stampat..

— Nota għall-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE: dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sa ma tasal sal-fabbrika fotografika destinatarja mill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

| | |
|---|---|
| Isem (b'ittri kbar): | Kwalifika u titlu: |
| Data: | Firma: |
| Timbru" | |